MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 217/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Roderick Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 613181(M).
Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, f’Settembru 2010 u fis-snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 185 u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat Roderick ghall-akkuza kif dedotta kontrih Camilleri u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett fl-otteniment ta’ tali licenzja tant li hu qatt ma hallas jew kellem lil hadd sabiex igibha, qed issib lill-istess hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------